MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 417/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Jason Michael Abela**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Michael Abela ta’ 35 sena iben Alfed u Frances nee Lomiglio mwieled l-Awstralja fl-4 ta’ Jannar 1971 residenti Graham Court Flat 6 Graham Street Slieam u li għandu n-numru tal-identita’ 256300 (L)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fid-19 t’Ottubru 2006 u fis-sitt xhur ta’ qabel dina d-data b’diversi atti magħmulin fi

żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu maħgmulin b'riżoluzzjoni waħda:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu

(d) inġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna` ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn serviz pubblikU (ps 1086 Johann Micallef) waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinflusixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz ai terminita’ l-Artikolu 95 (1) tal-kap 9 tal-Lgijiet ta’ Malta

(e) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni ikarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni maghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti ai termini ta’ l-Artikolu 96 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(f) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi harab mill-kustodja ta’ PS 245 Keith Arnaud u PC 1188 P Cassar, persuni inkarigati mill-kustodja tieghu waqt li huwa kien qed jinzamm taht arrest gewwa vettura u dan ai termini ta’ l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(g) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikatament il-vetrina tal-hanut Agfa Colour sitwat fi Triq Dingli Sliema, liema hsara hija ta’ iktar minn LM50 u inqas minn LM500 u dan ai termini ta’ l-Artikolu 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(h) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita jew ta’ wiehed li jkun ikarigat minn servizz pubbliku jew ma hallix jew fixklu waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqaw taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra ai termini ta’ l-Artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-20 t’Ottubru 2006, il-fedina penali tal-imputat (fol 6), iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2563 tas-sena 2000, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti (fol 15), l-istqarrija tal-imputat, il-ħatra tad-Dottoressa Danilea Deguara sabiex tagħmel it-traduzzjoni mill-Inliż għall-Malti, ċ-ċertifikat dwar il-ġrieħi ta’ Johann Micallef (Dok JM fol 46), il-konferma tal-esperti maħtura matul l-inkjesta (fol 67), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Apap Bologna (fol 72), ir-relazzjoni tal-ispiżjar Mario Mifsud, ir-relazzjoni ta’ PS 1336 Jesmond Micallef, ir-relazzjoni tat-Tabib Forensiku (fol 26), u r-rapport tas-sur Martin Bajada (dokument MB fol 29).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Fid-19 t’Ottubru, 2006, il-Pulizija pprovaw iwaqqfu lill-imputat meta kienu qed josservaw il-movimenti tiegħu.

Huwa rribella, qaleb lil PS 1086 J Micallef fuq vetrina tal-ħġieġ u dan spiċċa l-isptar fejn sarulu ħames punti.

Fuq il-persuna tal-imptuat saret tfittxija fejn instabu xi boroż żgħar bi trab kannella u sett ċwievet. Il-Pulizija daħlu fil-blokk tal-flats fejn sabu lil ċertu John Fitzpatrick. F'diversi kmamar instabu biċċiet tal-foil irrumblati jew maħruqin u fil-kċina fil-fond kein hemm żewġ kxaxen li f'wieħed minnhom mkien hemm imqass, ammont ta;' foil, qratas vojta u miżien elettroniku.

F'ħin minnhom l-imputat ittanta jaħrab minn taħt il-kustodja tal-Pulizija. Huwa kien ammenattjat u għalhekk ġie wiċċu mal-art.

Fl-istqarrija l-imputat għażel li ma jweġibx.

PS 1086 Johann Micallef xehed li, waqt li l-Pulizija kienu qed jippruvaw jiehdu l-affarijiet minn idejn l-imputat, l-imputat imbuttah u x-xhud spiċċa fi ħġieġa ta' ħanut. F'idejh kellu borża li kellha tliet qratas u kantuniera ta' borża bi trab kannella suspettat eroina. Fit-tfittxija nstabu bosta karti, miżien elettroniku u affarijiet relatati mal-abbuż tad-droga.
PC 1183 Oliver Borg iddeskriva l-inċident li fih seħħ PS 1086 Johann Micallef (fol 47) kif ukoll l-instabu fuq l-imputat. Il-miżien li nstab fil-kċina kellu t-traċċi kannella fuqu. Instabu wkoll siringi, karti u mqass. Il-karti setgħu għamlu match mal-karti li nstabu għand l-imputat meta dan twaqqaf fit-triq. Ix-xhud ikkonferma li l-esibiti – iċ-ċwievet u l-mobile – kienu dawk li elevaw minn fuq l-imputat.

WPC 127 Carmen Gauci u PC 1188 Paul Cassar ikkonfermawil-verżjonijiet li ngħataw mix-xhieda preċedenti. PC 1188 Paul Cassa ċaħad li kienu mbuttaw lill-imputat anzi qal li kienu ġabruh. L-imputat kien żelaq. (fol 57).

PS 245 Keith Arnaud xehed li l-imputat kien fetaħ il-bieba tal-karozza tal-pulizija tad-drug squad u ħarab jiġri. Kienet nieżla x-xita u l-imputat, huwa u jipprova jiżgiċċa minn

bejn żewġ karozzi, waqa'. Il-Pulizija ċemplu għall-ambulanza sabiex l-imputat jittieħed l-isptar.

Mix-xhieda tal-espert forensiku Mario Mifsud jirriżulta li fit-tliet qratas instabu ammont nett totali ta' 0.532 grammi eroina waqt li fol borża żgħira kien hemm 1.380 grammi (madwar 1.9 grammi b'kollox) li kellu madwar 52.5% purita'. Fuq il-mikżien elettroniku nstabu traċċi ta' eroina u kokaina.

Xehed ukoll Alfred Musu li qal li sema' l-ħġieġa tal-ħanut tinkiser wara li sema' xi ħġirġ jinkiser. Il-ħsara kienet waħda minima.

Xehed ukoll PC 213 Nicolai Borg li ta l-istess verżjoni ta' kif ġraw l-affarijiet li kienu taw il-Pulizija l-oħrajn (Ara fol 101 sa 110).

Xehed John Kirkpatrick li kkonferma li l-Pulizija kienu għamlu tfittxija fl-appartament u sabu diversi affarijiet relatati mad-droga. Huwa qal li dawn l-affarijiet kienu tal-imputat. Huwa qal li l-imputat kien tah l-eroina għal mdwar sitt xhur. (fol 116).. Dan sar għal diversi xhur (fol 115) inkluż il-jum li fih kienet saret it-tfittxija mill-Pulizija. Kultant kien jagħtih il-kokaina. L-imputat qatt ma talab flus lix-xhud. Għall-imputat kien eħfef li jieħu d-droga fil-flat ta' dan ix-xhud. Ġeneralment l-imputat kien juża l-kċina u l-oġġetti li kienu elevati mill-Pulizija. L-imputa ġieli ħa s-sustanza miegħu barra mill-flat. Huwa qatt ma kien ra lill-imputat ibigħ id-droga.

Il-Qorti qrat lil dan ix-xhud ix-xhieda ġuramentata li kien ta quddiem il-Maġsitrat Inkwerenti u kkonfermaha. (fol 122 et).

Dr Mario Scerri xehed li l-imputat kellu leżjonijet ħfief. L-imputat kien qal li kien ittieħed x-ray ta' mnieħru iżda dann l-eseprt dan ir-ritratt ma rahx.

Is-sur Martin Bajada kkonferma r-relazzjoni tiegħu.

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat li qal li kien sar jaf lil John Fitzpatrick wara li Fitzpatrick ġie minn barra. Fitzpatrick kien ta ċ-ċwievet tal-flat lill-imputat. L-imputat qal li l-ftit kokiana u l-ftit smack li sabhulu fuq l-Pulizija kien ġabhom mill-appartament. Ix-xhud qal lli Kirkpatrick kien jagħtih id-droga sabiex jgħinu fil-problema li kellu. Iktar kien ta droga Fitzpatrick lill-imputat milli kien ta droga l-imputat lil Fitzpatrick.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-messaġġ tad-19 t'Ottubru 2007 kien jirreferi għall-bejgħ ta' fwieħa. Id-ditta Red l-aktar waħda li kienet timxi.

L-Ispettur Dennis Theuma mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx indaga fuq telefonati u messaġġi wieġeb li le. (fol 51).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputazzjonijiet ewlenin hawn huma ta' traffikar ta' kokaina u eroina. Ix-xhud ewlieni tal-Pulizija John Fitzpatrick mill-ewwel spjega x'kien qed jiġri fil-flat tiegħu. Fitzpatrick ikkonferma x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Il-Qorti setgħet tara kemm lill-imputat jixhed kif ukoll lil John Fitzpatrick. Il-Qorti ssib il-verżjoni ta' Fitzpatrick attendibbli ħafna aktar minn dik tal-imputat u għalhekk qed tikkonkludi li l-imputat kien forna l-kokaina u l-eroina diversi drabi lil Fitzpatrick matul is-sitt xhur ta' qabel ma saret it-tfittxija mill-Pulizija.

Huwa sinifikanti wkoll lil-Pulizija sabu d-droga fuq l-imputat meta dawn marru biex iwaqqfuh. Dak il-ħin l-imputat kien barra l-flat. Jekk kien imur fil-flat biex jieħu d-droga għax id-dar kellu l-familja, ma jidhirx li kien hemm raġuni valida għala kien qed jiġri bis-satchets barra.

Ġol-flat instab miżien li ntarabt ukoll mal-imputat għalkemm waqt li kien qed jixhed ipprova jagħti x'jifhem li ma kienx jaf x'instab.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel tliet imputazzjonijiet (inkluża dik tal-pussess aggravat tal-eroina) għalkemm it-tielet imputazzjoni, f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjonijiet l-oħra jirriżulta li l-imputat ipprova jaħrab u li rreżista lill-Pulizija. Huwa wkoll imbotta Pulizija li kellu jittieħed l-Isptar biex isirulu l-punti waqt li dan il-Pulizija aċċidentalment waqa' fuq il-ħġieġa li nkisret. Għalhekk l-il-Prosekuzzjoni ipprovat kemm tal-imputazzjoni (d) kif ukoll tal-imputazzjoni (g) iżda f'dan il-każ il-ħsara kienet minima. L-imputazzjonijiet (d) u (g) huma assorbiti fl-imputazzjoni (e).

Dwar l-imputazzjoni (e) – reżistenza bi vjolenza – l-Qorti qed tiddeċiedi li fuq il-provi li hemm l-imputat mar oltre milli m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija billi rrenda s-sitwazzjoni diffiċli għalihom meta dawn kienu qed jaqdu dmirhom. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll li l-imputat ħarab mill-kaorzza fejn kien diġa' qed jinżamm taħt kustodja u għalhekk il-Qorti qed issib lil-imputat ħati tal-imputazzjoni (f) iżda strettament fil-parametri tal-artikolu 160 tal-Kap 9 u mhux tal-artikolu 151 kif indikat fl-imputazzjoni għax l-imputat ma kienx persuna taħt sentenza – element importanti ai fini tal-artikolu 151.

L-imputazzjoni (h) hija kontravenzjoni li hija assorbita wkoll assorbita fl-imputazzjoni (e).

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 17(b), 17(h), 95(1), 96(a), 160, 325(1)(d), 160 u 338(ee) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li t-tielet imputazzjoni -(ċ) hija ssorbita fit-tieni imputazzjoni waqt li r-raba' (d), is-seba' (g), u t-tmienja (h) huma assorbiti fil-ħames imputazzjoni – dik immarkata (e).

Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-imputat beda t-triq tar-riforma. Għalhekk, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha qed tikkundanna lill-imputa għal piena ta' priġunerija ta' għaxar xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €750 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 80 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul dawn il-proċeduri li jammontaw għal (324.98 + 34.95 + 232.36 + 197.46 = €789.75) fi żmien xahar mil-lum. Jekk ma jitħallsux dawn ikunu konvertiti f'piena ta' priġunerija skond il-Liġi.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------